IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1970

# L-AKKADEMJA U L-ILSIEN MALTI FIL-KNEJJES

*Daż-żmien skond il-liturġija l-ġdida li seħħet wara l-Konċilju Vatikan II, il-qari u l-kant tal-quddiesa f'dawn il-Gżejjer tagħna, qegħdin isiru bil-Malti li hu l-ilsien tal-poplu. Dan sar biex il-fidili jifhmu aħjar u jieħdu sehem aktar sħiħ fis-sagrifiċċju mqaddes.*

*Għax il-Konċilju xtaq u amar li biex il-quddiesa tisfa' aktar ta' ġid spiritwali għandha titqaddes hekk li kull min ikun jismagħha mhux biss jifhem il-kliem imqaddes imma jtenni t-talb u jwieġeb liċ-ċelebrant, kif ukoll ikanta tifħir u salmi b'ilsien li jitkellem hu. Għax jekk iċ-ċelebrazzjoni ssir b'ilsien barrani, mhux biss ma jinftihemx mill-fidili, iżda dawn jibqgħu bierda, b'moħħhom jix-xiegħel fi ħwejjeġ profani, jibdew ipaċpċu ma' oħrajn ħdejhom u għandhom mnejn ukoll jibdew jonogħsu!*

*Fl-imgħoddi ħafna minn dawk li jisimgħu l-quddiesa kienu jħarsu biss jew biex ma jibqgħux siekta, kienu jqassdu r-rużarju jew igħidu talb b'leħen għoli, u allura kienu jqajmu ħamba tant kbira li kienet tfixkel mhux ftit il-ġabra u l-qima li tixraq fid-Dar t'Alla.*

*Il-lum il-poplu dara jisma' l-quddies u jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja bl-ilsien tiegħu, u s-sehem li jieħu hu ta' siwi u fejda wisq akbar u għażiż minn qabel. Minn daqshekk nistgħu nistqarru li l-Akkademja tagħna kellha sehem mhux żgħir fil-għamla l-ġdida taċ-ċerimonji reliġjużi ta' pajjiżna. Difatti wieħed jista' jgħid li kienu l-Membri Akkademiċi li l-aktar li ħabirku biex jidħol l-ilsien Malti fil-quddiesa. Kemm il-President ta' l-Akkademja kif ukoll is-Segretarju kienu mdaħħlin fil-Kummissjoni Liturġika li kien ħatar l-Arċisqof għad-dħul tal-Malti fil-funzjonijiet tal-knisja.*

*Dan it-tħabrik għall-Malti kien ilu sejjer minn żmien twil. L-ewwel President tal-"Għaqda" tagħna, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi kien qaleb għall-Malti l-"Evanġelju" u l-"Ittri ta' l-Appostli" u kien ħareġ ukoll "Il-Ktieb tal-Quddiesa" f'ilsienna, b'hekk hu kien fetaħ it-triq għall-Malti fil-liturġija. Warajh Membri*

*Akkademiċi ssoktaw il-ħidma li kien wettaq l-ewwel President.*

*Il-Professur Monsinjur P.P. Saydon qaleb għall-Malti l-Bibbja kollha; il-Professur Patri Serafin Zarb kiteb kif l-ilsien Malti jista' jaqdi fiċ-ċerimonji tal-knisja; il-Professur Patri A. Tabone nqeda wkoll b'ilsienna fil-kitba reliġjuża tiegħu, hekk ukoll għamlu Patri Galea u Patri Dijonisju Mintoff. Il-Professur Dun Karm Sant u l-Patri Valentin Barbara ħadmu mhux ftit biex inkitbu t-testi għall-missal bil-Malti.*

*Il-kant għażiż u ħlejju għal waqt il-quddiesa, kif ukoll għal funzjonijiet oħra, wieħed jista' jgħid li nkiteb kollu minn Membri Akkademiċi bħalma huma Dun Karm, Patri Ġ. Delia, Dun Frans Camilleri u oħrajn.*

*Hekk bis-saħħa tal-Membri Akkademiċi l-poplu Malti jista' jimxi vers vers mal-qassis waqt il-quddiesa u jissieħeb mal-Ministri t'Alla f'dak is-Sagrifiċċju ta' Fidwa. Dan hu hena u komfort kbir għan-nisrani kattoliku li mixgħul bil-ferħ iħoss li għandu jsamma' leħnu f'għana ta' ħajr u qima lill-Mulej. Għalhekk sħabna fl-Akkademja kitbu inni u versi li jgħaxxqu bil-ħlewwa u bl-armonija.*

*Dan kollu qegħdin ngħiduh mhux bħala ftaħir imma biex infissru li l-Akkademja ma tibqax lura fejn tħoss li bis-saħħa tal-Malti tista' tagħmel ġid kemm fil-qasam tal-kultura, kif ukoll f'dak li hu soċjali jew reliġjuż, kif titlob il-qagħda tagħha tal-lum bħala korp nazzjonali.*